# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019.**

**Numru 15**

**Rikors kostituzzjonali numru 29/2018SM**

**Alfred Degiorgio**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tal-20 ta' April 2018 l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-attur minn provvediment mogħti fis-7 ta' Jannar 2019 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet talba tiegħu għal rimedju interlokutorju. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur fetaħ din il-kawża b'rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitlob rimedju għal dak li jqis bħala ksur tal-jedd

tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali bil-ħatra tal-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fl-istess ħin l-attur b'rikors ieħor quddiem l-istess qorti talab illi jingħata rimedju interlokutorju fis-sens illi l-ħatra tal-Avukat Bajada tiġi sospiża u ma jitħalliex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

3. Bil-provvediment tas-7 ta' Jannar 2019 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet din it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Ikkunsidrat:
>
> »illi għandu jirriżulta pacifiku li minn eżami tal-atti ppreżentati fil-proċedura odjerna ċ-ċirkostanzi estremi u eċċezzjonali … li jistgħu jiġġustifikaw l-attwazzjoni ta' tali miżura proviżorja kif mitluba mir-rikorrenti effettivament ma jirriżultawx;
>
> »Illi in effetti jiġi sottolineat li r-rikorrenti ma rnexxilux juri li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja minnu mitluba ser ikollha [*recte*, li n-nuqqas … sejjer ikollu] l-konsegwenza li ġġiblu ħsara irrimedjabbli jew li jkun hemm riskju imminenti u apparenti ta' ħsara irreparabbli fil-każ tiegħu kemm-il darba din l-ordni jew miżura proviżorja minnu mitluba – biex in-nomina tal-Avukat Dottor Martin Bajada [tiġi sospiża] – ma tinħariġx;
>
> »illi *in vista* tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-każ tiegħu skont il-liġi, u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

4. L-attur appella b'rikors tal-24 ta' Jannar 2019 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fl-1 ta' Frar 2019 u l-intervenuti fil-kawża wieġbu fit-8 ta' Frar 2019.

5. Qabel ma tqis il-meritu tal-appell il-qorti ttenni illi, kif ġà osservat fil-provvediment minnha mogħti f'din il-kawża fit-13 ta' Lulju 2018, dawn

tallum ma humiex proċeduri għalihom iżda huma episodju fil-kawża kostituzzjonali ewlenija: F'dak il-provvediment il-qorti qalet hekk:

> 7. … … … [B']riżultat ta' ekwivoku maħluq mill-prassi amministrativa … meta jfeġġ episodju inċidentali f'kawża jinfetaħ *folder* jew, aħjar, *sub-folder* ġdid b'numru ta' referenza ġdid. Hekk, il-kawża kostituzz-jonali għandha n-numru 29/2018 waqt li l-proċeduri *ad interim* għand-hom in-numru 29/2018/1. Madankollu, il-kawża hija waħda, u l-proċeduri *ad interim* ma humiex proċeduri għalihom jew kawża oħra għaliha iżda biss episodju fl-istess kawża. Il-fatt illi, biex għamel dan l-appell tallum, l-attur ħass li kellu jitlob permess taħt l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili juri illi d-dikriet li minnu sar dan l-appell ma kienx dikriet li bih ingħalqu proċeduri awtonomi iżda kien biss dikriet interlokutorju fil-kawża kostituzzjonali li kien meħtieġ permess biex isir appell minnu.«

6. Il-provvediment li minnu sar dan l-appell għalhekk huwa dikriet interlokutorju u ma huwiex sentenza finali, għalkemm erronjament l-ewwel qorti sejħitlu sentenza. Għalhekk biex isir appell minnu jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-ċedura Ċivili. Ladarba ma huwiex fost id-dikrieti msemmija fl-art. 229(2) (li minnhom jista' jsir appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) irid bilfors ikun jew fost id-dikrieti msemmija fl-art. 229(1) (li ma jistax isir appell minnhom qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) jew fost id-dikrieti residwali msemmija fl-art. 229(3) (li jista' jsir appell minnhom biss jekk jingħata permess speċjali mill-qorti li tkun tathom). Jekk fl-ewwel każ, ma setax isir appell ladarba għadha ma ngħatatx is-sentenza definittiva; jekk fit-tieni każ, qabel ma sar l-appell kellu jintalab permess speċjali mingħand l-ewwel qorti, li la ntalab u lanqas ingħata.

7. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell sar irritwalment u ma jiswiex. Dak li ntqal fis-silta miġjuba fuq mill-provvediment tat-13 ta' Lulju 2018 kellu

jkun biżżejjed biex jiftaħ għajnejn l-attur biex ma jaqax fl-iżball proċedurali li fih waqa'.

8. Ladarba din hija materja ta' ordni pubbliku l-qorti tista' tiddikjara n-nullità tal-appell *sua sponte*, ukoll jekk ma ngħatatx eċċezzjoni dwar hekk.

9. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddikjara l-appell null u għalhekk ma tqisux aktar.

10. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-attur Degiorgio.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr